MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Numru 531/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Sivlio Valletta**
**V**

**JOSEPH CINI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JOSEPH CINI** ta' tnejn w erbgin sena bin Joseph u Jane nee Buttigieg imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 1964 u residenti 151, Regent Court, Telghet G'Mangia, Pieta, detentur tal-karta tal-identita numru 304664M gie mressaq quddiemha akkuzat:

a. talli fis-sbatax ta' Lulju 2006 ghal habta tad-disgha ta' filghodu f'Santa Marija Estate, limiti tal-Mellieha, bil-hsieb li jikkommetti delitt, u cioe serq minn fond numru 226, Triq z-Zebbug, ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin ghad-dannu ta' Joseph Vella, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu

ghal esekuzzjoni ta' dan d-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

b. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil Emanuel Vincent Bartolo b'arma li taqta u bil-ponta;

c. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta u taqta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

d. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAU 259 tal-ghamla Ford Escort minghajr licenzja rinovata;

e. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Matla wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2007 [fol 77] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-erbatax ta' Frar 2007 [fol 78].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw li jaqblu li ma hemmx provi dwar l-akkuzi 'b', 'c', u 'd' kif moghtija mill-prosekuzzjoni nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2006 u sussegwentement citati fin-nota tal-Avukat Generali datata erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2007 w ghalhekk t-trattazzjoni mill-partijiet saret biss dwr l-akkuza bl-ittra 'a' u cioe fuq l-attentat ta' serq aggravat bil-valur, bil-hin, bil-lok u bil-mezz, f'kaz ta' htija

w imbaghad l-partijiet iddikjaraw li l-Qorti ghandha ssib lil imputat hati li huwa recidiv.

Semghet lil partijiet jittrattaw fis-seduta tas-sittax ta' Marzu 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Awissu 2006 **xehed Envin Bartolo** [fol 26] li qal li nhar is-sbatax ta' Lulju 2006, ghal habta tad-disgha ta' filghaxija hu kien fil-gallarija tad-dar tieghu fi Triq Zebbug, Mellieha. Qal li t-triq mhux mdawwla tajjeb hafna. Qal li dakinhar ra persuna tiela minn naha tal-lemin tat-triq u jaqsam ghal fuq x-xellug, mar fil-villa ta' hdejh fl-entratura fejn hemm tarag, pero ma baqax diehel. Qal li rah jixxabbat ma hajt ta' circa hamsa jew sitt filati u fil-fatt sema' hoss ta' thaxwix tal-weraq niexef tas-sigar tal-ficus u beda jdur minn naha ta' wara tal-villa.

Ix-xhud kompla jispjega li hu mar fuq wara tad-dar tieghu, li thares ghal fuq din il-villa u semgha hoss ta' speci *squeaking* ta' *sliding window* u ra lil din l-istess persuna li ra qabel tipprova tiftah bieb. Rah wkoll jixxabbat mat-tieqa biex jara jekk kienetx miftuha.

Qal li hu ma ridtx jiddisturba lil din il-persuna u cempel lil pulizija u lil sid il-villa. Qal li qal lil martu tohrog il-karozza mill-garaxx malajr biex kif din il-persuna tohrog, ikun jista jsegwiha. Zied jghid li fil-fatt din il-persuna telqet mill-post u hu waqaf circa mitt metru boghod minhha, fetah l-hgiega u kellem lil din il-persuna, li kien ragel, bil-malti pero dan ma fehmux u dahallu dubju jekk kienx barrani minhabba l-karnaggjon skur tieghu u dan beda jitkellem hazin diversi drabi.

Ix-xhud zied jghid li hu hareg mill-karozza u gie wicc imb'wicc mal-imputat [li gharaf presenti fl-awla] u hu ghamel mossa, taparsi kien armat, u l-imputat telaq jigri. Qal li meta telaq, hu mar taht street light w innota li kien hemm xi haga tleqq f'idejn din il-persuna u dan dahhalha bil-but ta' wara. Qal li nel frattemp, kompla jghid x-xhud, iltaqa ma sid il-villa u qallu biex isegwu lil din il-persuna

pero hu lahaq telaq minn Triq Tarag il-Harrub. Qal li hu wasal ghal konkluzzjoni li l-imputat kien familjari hafna ma dik l-area. Qal li hu kunsillier l-Mellieha u responsabbli ghal komunita w ghalhekk hass li kellu jitkellem. Kompla jghid li wara gew tlett vetturi tal-pulizija.

Ix-xhud ikkkonferma li kien l-imputat odjern li kien ipprova jidhol fid-dar adjacenti ma tieghu, u kien cert minn dan stante li kellu stampa carissima ta' wiccu. Zied jghid li wara tela d-depot u ra xi ritratti tal-imputat u kien *short listed* minn tlett *albums* bi tlettax il-ritratt w indika lil imputat lil pulizija bhala l-istess persuna li ra dakinhar. Qal li hu kien waqaf bil-karozza u ra lil imputat jarmi flixkun tal-ilma fi *plot* tal-villa numru 269 w imbaghad tela minn Triq Tarag il-Harrub biex jara jittfaccax pero ma rahx u mar lura. Qal li sussegwentement iltaqa ma Josef Vella sid il-villa numru 269 u gabru il-flixkun w ghaddewh lil pulizija.

Ix-xhud ikkonferma li ha sehem f'*identification parade* fejn ikkonferma li kien l-imputat li kien ghamel dan, <u>bla ebda tracci ta' dubbju</u>. Qal li l-imputat ma setghax jarah lilu meta hu kien qed jarah mill-villa tieghu, ghaliex kien mohbi.

**L-Ispettur Silvio Valletta xehed** nhar d-disgha ta' Awiossu 2006 [fol 29] w esibixxa stqarrija rilaxxata mill-imputat bhala dok SV [fol 31]. Hu kkonferma l-firma tieghu u dik tas-Surgent Scicluna fuqha filwaqt li qal li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmahiex u li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu.

Nhar s-sittax ta' Awissu 2006 **xehed PS 746 Jeffrey Attard** [fol 34] fejn qal li nhar s-sbatax ta' Lulju 2006, ghal habta tad-disgha ta' filghaxija waqt li kien l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra, kienet dahlet telefonata fejn gie nfurmat li kien hemm persuna qed tipprova tisraq minn villa numru 266 Triq Zebbug, Mellieha. Qal li hu flimkien ma PS 881 u PC 421 marru fuq il-post fejn iltaqghu ma certa Mary Bartolo li toqghod bieb ma bieb din il-villa 'n kwistjoni u din, kif wkoll zewgha li kien maghha, qalulhom li kien

hemm persuna li ppruvat tidhol f'villa hdejhom u bdew jghajjtu u din il-persuna nizlet minn Triq Ghajn Zejtun.

Mistoqsija x'kienet liebsa din il-persuna, qalulhom li kienet liebsa baseball cap bajda u flokk ta' cingi kulur car. Qal li huma cemplu lil sid il-villa certu Joseph Vella u nizlu jaghmlu tfittxija fejn iltaqghu ma xi pulizija tal-mobile li wkoll kienu qed jaghmlu tfittxija fl-akwati. Qal li s-Sur Bartolo qalilhom li kif wasal Ghajn Zejtuna, iltaqa ma din il-persuna u meta qallu jieqaf, dan kellmu hazin bl'ingliz u telaq jigri fejn t-tarag li hemm fil-qrib. Qallu wkoll li din il-persuna kellha wkoll tpingija.

Ix-xhud zied jghid li hu informa lil tal-mobile sabiex iduru dawra bil-karozza u hu u PC 421 marru bil-mixi. Qal li ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' bil-lejl cempillu PC 581 u qallu jitla hdejh ghaliex kienu sabu karozza suspettuza, Ford Escort bajda li kienet ipparkjata f'kantuniera. Dan Bartolo indikalhom l-vettura li kin hemm ipparkjata fil-vicinanzi li minn go fiha hareg din il-persuna li ra tipprova tidhol fid-dar adjacenti ghal tieghu u li qalilha li kien liebes flokk tac-cingi u telaq bil-mixi ghal taht l-irdum, liema triq tasal ghal Triq Zebbug.

Qal li sussegwentement iccekkjaw ta' min kienet il-vettura u sabu li din kellha licenzja skaduta fis-sena 2003 u kienet tghajjat lil Joseph Cini w infurmaw lil Ispettur tas-CID l-Ispettur Mallia u tawh deskrizzjoni tal-persuna. Qal li dak l-hin l-Ispettur Mallia ghamel tfittxija fiil-vettura fejn sab mobile Nokia kulur silver.

Qal li hu informa lil Ispettur Josric Mifsud u dak l-l-hin nizzlu l-karozza lejn l-Qawra u minn hemm cemplu l-ghassa l-Imsida biex jaraw jekk dan Cini jiffirmax hemm u qalulhom li hemm kien jiffirma. Qal li bdew jiccekkjaw n-numru tal-karta tal-identita biex jaraw jaqbilx ma dak tal-karozza u fil-fatt rrizulta li kien jaqbel w ghamel kuntatt ma tad-distrett biex jekk Joseph Cini jinstab, jigi arrestat minnufih. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva bhala dokument PS.

Rat s-sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat esibiti wahda a fol 54 et seq u l-ohra a fol 57 tal-atti u semghet lid-difiza tiddikjara li qed tezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda tal-identita fil-konfront ta' dawn z-zewg sentenzi.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza ttrattat principalment fuq l-kwistjoni ta' kif saret l-identifikazzjoni tal-imputat kif wkoll dwar jekk *dato non concesso* kien l-imputat li Envin Bartolo ra fil-villa, l-att li hu ghamel, ma jammontax ghal att preparattiv ghal attentat ta' serq u fit-tieni lok ittratta dwar l-attnetat u cioe jekk d-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tal-hati jew alternattivament jekk d-delitt ma giex esegwit minhabba li l-hati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt.

Dwar il-kwistjoni tal-identifikazzjoni, il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel bhala principju generali.

Kif gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlettax ta' Mejju 1961*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leading Steward Victor Dalmas**,

*"Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni tal-imputat ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jiddentifika, jigi f'xi mod, anke voluntarjament, suggestjonat; u hi nota l-prattika rakkomandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, piu o meno tal-istess eta u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista jiehu post fejn irid fosthom. Izda biex issir il-prova tal-identita tal-persuna li ghandha tigi maghrufa, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, hlief meta l-Qorti, f'xi kazijiet partikolari, tkun jidhrilha xieraq taghmel dan ai finijiet tal-gustizzja."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Zammit** moghtija wkoll mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1988***, gie rilevat li:

*"Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu mal-identifikazzjoni t'imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali – hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'hinu mehtieg. Minn din d-disposizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedtx ixekkel lil partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju predenti tal-Qorti li tirregola ruhha skon dl-kaz. Din d-disposizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifiazzjoni f'Qorti: meta si tratta t'identifikazzjnoi lit kun saret barra l-Qorti, bhal per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni f'Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn r-regoli huma ntizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif wkoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jw bhala l-persuna altrimenti nvoluta fih, tkun attendibbli b'mod lui l-gudikant tal-fatt, ikun jista jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni."*

Id-difiza sostniet li l-procedura li ntuzat mill-prosekuzzjoni ghal identifikazzjoni tal-imputat, ma kienetx korretta u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex tiggudika lil imputat fid-dawl ta' dak li gie rilevat mill-prosekuzzjoni. Huwa veru kif hemm imfisser fil-Code of Practice D taht il-Police and Criminal Evidence Act 1986 tal-Ingilterra u cioe li xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without helf' [para 4]. Naturalment, r-ritratti hekk uzat, specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrappresentaw lil persuna li gie jiddentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esibiti fil-Qorti. Kwantu ghal *identification parades*, dawn r-regoli, kif sostniet d-difiza fit-trattazzjoni taghha, trid ssir skond t-termini tal-Police Act fejn issir taht l-awspici tal-Magistrat tal-ghassa li f'dan il-kaz ma jirrizultax li sar hekk.

Issa f'dan il-kaz in realta, ma jidhirx li kien hemm bzonn li tali identifikazzjoni ghaliex x-xhud Envin Bartolo kellu vizjoni cara tal-persuna li effettivament gie wicc imb'wicc mieghu minghajr ma kellu ghafejn joqghod jistudja l-passi tieghu mill-vicin. Dan l-kaz mhux kaz t'identifikazzjoni, izda ta' *recognition* u cioe Envin Bartolo ried jirrikonoxxi dak li effettivmanet kien irrikonoxxa.

Iil-Qorti ghandha tqis l-attendibilita tax-xhud Envin Bartolo. Illi in oltre jirrizulta wkoll fatt cirkostanzjali li gie rilevat mix-xhud Envin Bartolo fis-sens li qal li ra lil imputat jipparkja l-vettura li kien riekeb u jitlaq jigri. Iddeskriva li din il-persuna kellha tpingija u kellha karnaggjon skur.

Illi mill-investigazzjoni mizmuma mill-pulizija jirrizulta li l-vettura kienet tghajjat lil dan Joseph Cini u li fl-ebda mument ma hu pprova jiggustifika l-presenza tal-vettura tieghu fejn kienet dakinhar.

Illi huwa minnu li fl-istqarrija tieghu l-imputat ma qal xejn pero l-ligi evidentament ma tridx li l-prosekuzzjoni tapprofitta ruhha mis-skiet tal-imputat u tipprospetta dak s-skiet bhala xi forma t'ammissjoni jew xi forma ta' htija tal-imputat bhalma ma l-ligi evidentament ma tridx lil Qorti f'dak li hu indirizz lil gurati f'kazjiet ta' guri, tikkummenta sfavorevoment fuq il-fatt ta' nuqqas ta' xhieda tal-imputat. Pero l-fatti jibqghu l-fatti li huma u jekk ikun tali li jkunu ndikattivi sufficjentement ta' htija, jew minnhom infushom ikunu jirrikjedi spjegazzjoni da parti tal-imputat biex ma jigux kkunsidrati fid-dawl naturali taghhom, l-imputat ma jistax jippretendi l-iskiet tieghu ma jkunx jew ma jservix eventwalment tal-fatturi li jittiehed in konsiderazzjoni minn min eventwalment ikun irid jiggudika.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tamplifika hafna fuq dan ghaliex del resto dawn huma l-principji li dejjem gew imhaddna minn dawn il-Qrati.

Illi ghalhekk *tutta sommata* l-Qorti hija konvinta li kien l-imputat li x-xhud Envin Bartolo ra fil-villa numru 226 fi Triq z-Zebbug, Mellieha, dakinhar tas-sbatax ta' Lulju 2006. Jispetta ghalhekk issa l-Qorti tara jekk dak li ghamel l-

imputat, jammontax ghal atti preparatorji ghat-tentattiv tad-delitt ta' serq.

Illi l-Avukat Generali ghodbu jakkuza lil imputat b'dak li jiddisponi l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9 u cioe:

***"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt …***

***a. <u>jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tal-hati ……</u>"***

Fil-fatt, in materja ta' jikkostitwixxix tentattiv ta' reat, il-Qrati taghna tul s-snin kienu konsistenti w essenzjalment segwew t-teorija ta' **Carrara** bhala t-test biex jigu distinti dawk li fid-dottrina huma maghrufa bhala atti preparatorji minn  dawk li huma noti bhal atti li jikkostitwixxu bidu ta' esekuzzjoni.

Minn ezami tad-dottrina adegwata fl-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali jidhru li tlieta huma l-elementi essenzjali ta' tentattiv ta' delitt u cioe:

a. att [jew attijiet] esterjuri li juri l-intenzjoni li wiehed rid jikkontratta delitt;

b. bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt; u

c. non-esekuzzjoni tad-delitt minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tal-imputat.

In linea geneali l-Qrati taghna fuq l-ewwel insenjament tal-**Carrara**, dejjem sostnew li l-att esterjuri ghandu jkun tali li juri intenzjoni specifika li l-imputat ried jikkommetti delitt determinanti u mhux semplicement intenzjoni generika li jikser l-ligi.  Gie rilevat wkoll li huwa mehtieg li dak l-att jaghti bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt u l-att huwa tali meta jifforma parti minn serie t'attijiet li jekk ikkontemplati, jikkostitwixxu l-istess delitt [vide **Appell Kriminali**

**Inferjuri Il-Pulizija v Paul Mifsud** ***deciz fl-ghaxra ta' Ottubru 1974 per Imhallef Caruana Curran***] u precedentement **Appell Kriminali fl-ismijiet lil-Pulizija v Antonio Grech** ***deciza nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 1955 per Imhallef William Harding***].

Fl-ahhar wahda minn dawn s-sentenzi gie wkoll ribatid li kif jghallem il-**Carrara**, l-attijiet li jikkostitwixxu bidu tal-esekuzzjoni ai finijiet tat-tentattiv, huma dawk univoci. Fil-fatt din il-Qorti sejra ticcita testwalment minn sentenzi ohra tal-**Qorti tal-Appell Kriminali [Sede Inferjuri]** moghtija ***fl-erbgha ta' Marzu 1944 per Imhallef William Harding*** in re **Il-Pulizija v Ruggier Camilleri et** li dejjem baqghet tigi segwita u dan biex turi kif il-Qrati taghna jharsu lejn din il-kwistjoni.

*"Ma hemmx dubbju ili l-formoli w id-diskwisizzjoniijet skolastici dwar attijiet preparatorji w attijiet li jikkostitwixxu bidu t'esekuzzjoni, huma ftit ikkomplikati, tant li l-gurista Geyer, f'monografija li dehret fir-rivista Penali [Vol. XIV pg 373] xebbah din il-problema, forsi bi ftit esagerazzjoni ghal dak tal-kwadratura tac-cirku.*

*L-awtur, li l-aktar li affatika ruhu biex isib formola xjentifika biex jiddefferenza l-attijiet preparatorji minn dawk esekuttivi, kien bla dubbju l-Carrara u fl-Opera tieghu principali [Programme Parte Generale, para 358] stabilixxa l-kriterju differenzjali fl-univocita tal-attijiet fis-sens li l-attijiet esekuttivi huma dawk li jirraffiguraw d-direzzjoni univoka ghal delitt determinat. Izda l-Carrara, minn dak li wiehed jista jiggudika, aktar tard, induna li dak l-kriterju minnu ttraccjat kien forsi insufficjenti w indeterminat, w ghalhekk, f''operi' tieghu posterjuri [Sinopsi del Conato – Reminiscenca di Cattedre e Foro, pagna 261 et seq – u anke 'Atti Preparatori [Reminiscenza ecc. Pagna 371 et seq] insista fuq formula aktar preciza w irritjena li huma attijiet preparatorji dawk li jesawrixxu ruhhom fuq s-suggett attiv premarju jew sekondarju taad-delitti esekuttivi jew konsumattivi dawk li jizvolgu ruhhom fuq s-sugget passiv tal-attentat jew tal-konsumazzjoni. Biex tiftiehem din il-formula ghandu jinghad illi s-suggett primarju tad-delitt huwa d-delinkwent,*

*soggett sekondarju l-mezzi jew strumenti li bihom jisserva d-delinkwent; suggett passiv tal-attentat jikkonsisti f'dawk l-hwejjeg jew persuni, li fuqhom hemm dritt ta' haddiehor, li ma hux pero d-dritt l ghandu jkun ivvjolat biex ikun hemm l-konsumazzjoni, imma li fuqhom ghandu jagixxi d-delinkwent biex jista jirraggungi l-perpetrazzjoni tad-delitt; s-suggett passiv tal-konsumazzjoni jikkonsisti f'dawn il-hwejjeg jew persuni li jirrapresentaw d-dritt li l-vjolazzjoni tieghu jikkostitwixxi l-konsumazzjoni tar-reat.*

*Fl-istess sentenza l-imsemmija Qorti kienet wkoll applikat te4st eihor cioe dak tar-Rossi li hu deskritt b'dal-mod u cioe "Quando taluno puop dire 'non voglio incominciare sta ancora negli atti preparatori; quando invece egli e' obbligato a dire voglio desistere'; allora i suoi sono gia atti di esecuzione."*

L-istess Qorti kienet ghamlet wkoll referenza ghat-test tal-**Geyer** u cioe li hemm tentattiv "*quando il dolo dell'agente si manifeste ex re*" u dak tal-**Berner** u cioe li l-bidu tal-esekuzzjoni huwa kostitwit minn azzjoni illi sewa' fl-ordni subjettiv, kemm f'dak objettiv johrog mill-ekwivoku.

F'dan l-isfond legali din il-Qorti, wara li wiznet l-provi, m'ghandhiex dubbju li taht dawn l-kriterji kollha f'dan il-kaz, si tratta certament ta' tentattiv ta' serq. In fatti jidher li wara li l-imputat kien ghamel l-pjanijiet tieghu tas-serqa kien attwalment dahal fil-precinti tal-villa, fetah tieqa fid-dlam u ittawwal go fiha. Skond din il-Qorti dan l-agir jinkwadra ruhu mhux biss taht l-ewwel teorija tal-**Carrara** cioe dik ta' univocita izda anke taht t-tieni. Infatti l-istess agir ezawrixxa ruhu fuq s-suggett passiv tal-attentat billi Joseph Cini kien diga nvada parti mid-dar residenzjali in dezamina li kienet proprju l-ewwel parti essenzjali mill-eskuzzjoni tal-*iter criminis*. L-istess agir jiossodisfa wkoll t-teorija ta' **Rossi** billi evidentement anke mix-xhieda ta' Envin Bartolo jidher li l-imputat mhux ma riedx jibda izda li ma riedx jiehu r-riskju li jkompli. Hu sodisfatt t-test tal-**Geyer** ghaliex una volta stabbilita l-intenzjoni specifika ta' serq minn dik il-villa u proprju bil-mod deskritt u cioe bil-ftuh tat-tieqa mill-imputat biex jidhol gewwa ma hemmx dubbju li d-*dolo dell' agente* f'dan l-kaz, *si manifesta ex re*.

Fl-ahhar nett, hu sodisfatt wkoll t-test tal-**Berner** li m'hu xejn hlief t-teorija ta' l-univocita.

Illi f'dan il-kaz pero ghalkemm jirrizulta li kien hemm att preparattiv sabiex jigi esegwit delitt u cioe dak t'a serq aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur, ma hemmx dubbju wkoll li l-hati waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt kif kontemplat fl-artikolu 41(1)(b).

Illi x-xhud Envin Bartolo jghid li hu kien fil-proprjeta tieghu josserva l-moviment tal-hati, iddeskriva dak li ghamel minghajr m'attiralu l-attenzjoni u minghajr ma waqqfu izda wara xi hin l-hati abbanduna l-plot tieghu u telaq 'l hemm. Kull ma lahaq ghamel l-hati kien li bi hsara lis-sid tal-villa, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta tieghu ai termini tal-artikolu 340(d).

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jehel l-piena ta' din l-kontravenzjoni.

Il-Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta aktar fuq l-akkuzi l-ohra u cioe 'b', 'c', 'd', u 'e' ghaliex kienet l-istess prosekuzzjoni li ddikjarat fis-seduta tas-sittax ta' Marzu 2007 li dawn ma jirrizultawx ippruvati.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 4 et seq tal-atti, minn fejn jirrizulta li din mhux inqas minn ktieb, bi tnejn u tletin *conviction* registrati fuqha dwar akkuzi ta' seq, kagun ta' feriti, pussess ta' droga, theddid w attentat fuq ufficjali pubblici u diversi reati ohra fejn kien inghata sentenzi ta' prigunerija, multi w amendi izda dan nonostante, l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu ghaliex rega' jinsab quddiem il-Qorti.
**Il-Qorti**, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 14, 31, 41(1)(b), 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 289, 339(1)(a), 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddeciedi billi tiddikjara li qed issib lil imputat JOSEPH CINI hati ta' tentattiv ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur pero ai termini tal-artikolu 41(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra timponi piena skond l-artikolu 339(1)(c) u**

**340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dik applikabbli ghal kontravenzjonijiet.**

**Illi l-Qorti rat li l-piena applikabbli ghal din il-kontravenzjoni hija jew amenda li ma teccedix l-hamsa w ghoxrin [25] lira maltin jew xahrejn [2] detenzjoni skond l-artikolu 7(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Illi pero din il-piena tghola bi grad jew tnejn skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-Qorti qed issibu hati li hu recidiv.**
**Issa, 'n vista li din il-Qorti qed issib lil imputat hati tar-recidiva w in vista tal-fedina penali reflettarja tal-imputat, wara rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-atrikolu 17b, 339(1)(c), 340(a) u 31(b)(xiii) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat JOSEPH CINI ghal piena ta' prigunerija ta' sitt [6] xhur mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------